IT-TIENI KTIEB
TAD-DISA' SENA

ĠUNJU
1933

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Prosodija għall-kittieba tal-versi Maltin—Mhux kull ma jleqq deheb (T. Z.) — Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin (D. Karm)—Il-ħarba ta' Nikol Turtora (Ġużè Gatt) — Żagħżugħ ta' dejjem (D. Karm) — Meta jkun m'n-Alla (L. C.) — Tagħlim għat-tfal (A. C.) — Il-warda ta' Mejju (Mons. Gauci) — Mikiel Anton Vassalli (A. C.)—Aħbarijiet ta' kotba

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1933

# PROSODIJA GĦALL-KITTIEBA TAL-VERSI MALTIN

Fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" tkellimna fuq il-ħtieġa ta' Dizzjunarju ċkejken tas-sinônmi maltin, l-aktar għal dik il-ħarġa ta' żgħażagħ li qegħdin jitkissru fil-kitba tal-malti, sewwa fil-proża u sewwa fil-poeżija.

Il-lum irridu nitkellmu minn ħaġa oħra li hi wkoll bosta meħtieġa għal dawk iż-żgħażagħ li qegħdin jitħarrġu jiktbu versi bil-malti; u din il-ħaġa hi daqsxejn ta' Prosodija Maltija, jew Rwiegel għall-ħidma tal-versi maltin.

Kullħadd jaf illi l-Poeżija ma hix qegħda fil-kliem, iżda fix-xbihat u fil-ħsus illi l-kelma tfisser; ma dan kollu, jibqa' dejjem minnu illi l-kelma, bħala libsa ta' dik ix-xbieha u ta' dak il-ħass, għandha jkollha ir-rwiegel tagħha, għaliex kif il-lbies, jekk maqtugħ u meħjut tajjeb iżid u jkattar il-ġmiel tal-persuna, hekk ukoll it-tifsila, il-qagħda, il-lewn u x-xerqa tal-kliem li jfisser ix-xbihat u t-tqanqil tal-poëta, tista' żżid u ssaħħaħ il-ġmiel tal-poeżija.

Għaliex il-ġmiel, aktar milli mal-moħħ, għandu x'jaqsam mas-sensi u mal-qalb: għalhekk il-versi, f'kull ilsien, iridu jkunu maħdumin biex ipaxxu l-ewwel il-

widnejn u l-qalb u l-fantasija, u nbagħad il-moħħ talġens li fi lsienu jinkitbu l-versi: u billi kull ġens għandu d-drawwiet tiegħu u x-xejriet tiegħu, il-versifikazzjoni f'kull ilsien għandha b'saħħa titbiegħed xi ftit minn dik ta' ilsna oħra.

Jekk il-versi maltin naħdmuhom b'għajnejna magħluqin fuq il-prosodija ta' ilsna oħra, aħna ma nistgħu qatt innislu dak ir-ritmu li jpaxxi hekk ħelu l-widna maltija.

Jarġa', fil-lsien malti għandna xi konsonanti dgħajfin fit-tlissin tagħhom, li ilsna oħra ma għandhomx; għalhekk fil-prosodiji barranin ma nistgħu qatt insibu rwiegel għall-ħdim tal-versi fejn jidħlu dawn il-konsonanti, l-aktar f'dik li jgħidulha *eliżjoni* jiġifieri t-twaħħid ta' żewġ vokali l-waħda fit-tarf u l-oħra fil-bidu ta' żewġ kelmiet waħda wara l-oħra.

Iġġiblek ħasra l-kotra ta' versi bil-malti li ta' kulljum jiġu taħt għajnejna, versi zopop, imfellka, imxattra, mifluġa għax maħdumin fuq prosodiji barranin u fuq il-widna, bla ħsieb xejn ta' li jitlob il-lsien malti, —versi li jiswew min jaf kemm żmien, u taħbil ilmoħħ, u tambir bis-saba' n-nofsan fuq il-mikteb, biex inbagħad, bħal ward bla ġmiel u bla riħa, jirtema wara ħajja ta' ġurnata.

Meħtieġa: imma prosodija maltija ma jistax jagħmilha kullħadd. Min jidħol għaliha jrid ikun imħarreġ sewwa fil-kitba tal-għana, u jrid ikun għarriexi rqiq, li fela l-inqaqar kollha li wieħed jista' jiltaqa' magħhom fil-ħdim tal-versi. Dan iżda ma għandux jaqta' qalb min jitħajjar jintafa' għal dan ix-xogħol, għax jekk ma jirnexxilux għal kollox, ħaddieħor jimla, isewwi, iżid. L-ewwel pass, l-aktar iebes; għalhekk min jibda, għad li ma jasalx, ikun mexa aktar minn min warajh jissokta w itemm.

# MHUX KULL MA JLEQQ DEHEB

*Lir-Rev. C. L. Dessoulavy*
*ħabib ta' lsienna.*

Nikol *ta' Qinċla* kien twieled is-Siġġiewi mill-ġebbieda *Tal-Perċjus.* Laqmu tbiddel mita żżewweġ ix-Xewkija ta' Għawdex lil Madlien *ta' Qinċla,* għax min jiżżewweġ Għawdex jieħu l-mara u l-laqam ta' niesha. Jekk wieħed jaħsibha ftit, ħaġa sabiħa din, li tiswa wisq għat-tqassit tal-insla u, ħaġa li nsibuha f'pajjiżi oħra l-aktar tal-Vant, fejn l-ismijiet imorru mal-ġebbieda tal-mara u mhux tar-raġel. Nikol kien bidwi għaqli, li kiseb ftit raba' qattan li jrodd mhux ftit, imgħammar bil-qbajjel u l-imqajjel tagħhom. Bieżel u tal-ħsieb kien jilħaq ma' kollox għax fehemtu kienet li min jagħmel xogħlu b'idu jirqmu u jżidu. Fost uliedu, il-kbira, Żeżi, kienet tifla sabiħa, ta' darha, sejra dejjem tinseġ u tkeċner, iddur b'ħutha ż-żgħar, tagħlef it-tjur u l-erba' bhejjem li kellhom fil-ġnejna u barra,tista' tgħid, għall-Knisja biss.

Mhux ta' b'xejn li ż-żgħażagħ tar-raħal kienu, il-biċċa l-kbira, b'għajnejhom fuqha, hekk għal wiċċha, kemm għal flus missierha.

Dik il-ħabta kien jisboq lil sħabu s-Siġġiewi żagħżugħ ismar, godli, wiċċu dejjem daħkani li jingħad li kien trabba' Susa. Xogħlu kien ħafif, xriek ta' wieħed ħuttab tal-bhejjem imma niesu Malta ma kellux. Kien jismu Kieli u mlaqqam is-Susi. Liebes dejjem mill-aħjar, kien dħuli ma' sħabu, jixrob magħhom, idur magħhom u jqabbel fuq il-kitarra; kull ma jixtri jħallsu u ìdu f'butu l-ewwel wieħed għall-infiq.

Bħal sħabu kollha kien tħajjar għal Żeżi hu wkoll imma maqlugħ aktar minnhom għax imrobbi mal-Franċiżi, u kellu aktar mid-dinja. Flok iqabbel taħt it-tieqa ta' Żeżi kien dejjem ifittex jindiehes mal-missier u billi dan kien iħobb il-bhejjem, malli l-ħali kien jirkapta xi bagħla sabiħa, xi felu għadu ħiereġ għax-xogħol, dritt imur bih għand Nikol u jara kif jagħmel u jħawwadulu. Nikol kien jinħall malli jurih dawn il-bhejjem u għas-senserija ma kellux għax jaħseb għax Kieli miegħu ma kienx ifittex. U l-lum ifittxu l-għalqa u għada d-dar, issa jgħid xi ħlieqa lil Madlien, issa jġib xi par beċċun lil Żeżi, issa qabda ħommos jew ħabb għażiż lis-subien, igħid li waslulu minn Tunes, ħelu ħelu sar qiesu wieħed tad-dar.

Mita ra li sar ħabib ta' kulħadd u li ħadd ma kien intebaħ fejn ried jasal il-qarrieqi, l-ewwel ma ġietu x-xoqqa f'moxtha faqqa' x-xewqa li kien rabba minn żmien.

Ftit wara l-Għid-il-Kbir, sab lil Nikol idebber ma' sieħbu xiri ta' għalqa, taħ il-Għid it-tajjeb u erbgħa u erbgħa tmienja talbu jżewġu lil Żeżi.

Nikol ħabat jiqleq, ma qalx le u l-anqas iva.

—Naħsibha Kiel, jew aħjar nara xi jgħidu tad-dar,għaġla ma hemmx, jekk hu mn'Alla kollox jasal. Jien lilek nafek b'tifel sewwa u hekk is-sieħba kemm it-tifla ġibda għalik għandhom. Ħallini nara fiex aħna d-dar. Iż-żwieġ ħaġa t'Alla u dak li jrid Hu jirnexxi żgur.

Mar id-dar aktar ħosbien minn ferħan, mhux għax sab xi jgħid fil-għarus imma ħass bħal kesħa f'qalbu li għad li l-ġuvni kien dejjem ġieb ruħu sewwa, lil niesu qatt ma semmihom u la kien jaf fejn u kif trabba u la qatt sama' fuq ħajtu ta' barra u la fit-tajjeb u l-anqas fil-ħażin.

Lill- mara tarrfilha xi ħaġa u hi malajr tarrfet lil bintha, inbagħad xi kelma żerżqet lill-ġara, aktar biex tniggiżha ta' dak li kienet qalet ġranet qabel lit-tewwejja mita marret trawmilha n-newl.

—"Taf x'qalet xbintek : għalxejn tressaq il-Kejli lejn bintha għax dak għandu min iħobbu barra mir-raħal."

Inbagħad billi Madlien kien jogħġobha kif jilbes Kejli u kif kien idoqq il-kitarra nhar ta' Ħadd sieq fuq sieq fuq ix-xriek li kellhom fis-setaħ; kellha seba' mitt sena ddaħħlu d-dar u taqbdu taħt idejha.

Nikol,f'nofs il-ġimgħa,niżel sal-Belt u mar ifittex l-avukat Nerik Zammit li, dik il-ħabta, kellu offizzju msemmi Bureau de la Mediterranée,biex jaqdi lill-bdiewa li kellhom xi negozju ma' Tunes u l-Arġiel. L-Avukat ħażżeż kull ma ġabar fuq Kieli minn għand Nikol u qallu biex iħalli xi ġimgħatejn u jiġi għar-risposta.

Egħluq il-ħmistax Nikol kien għand l-avukat mhux biex jisma' xi ħaġa ġdida, iżda x'aktar biex ikollu xi jgħid lill-mara fil-għaxija.

—"Għandek xi qaddis jitlob għalik," qallu l-avukat. "Kif inbramt ma' dan Kieli ta' Susa?" Milli stajt naqbad ma ħalliex isem tajjeb wisq warajh u la Susa u l-anqas Tunes. Qiegħed nistenna naqbad x'kienet sewwa l-biċċa imma xi ħaġa mgħawwġa sħiħ hemm fin-nofs. Arġa' erħi ġimgħatejn oħra u ħalli min jarak Nikol. Jekk nonfoq xi ħaġa ma tlumnix naħseb." ?

—Inlumek, sur Avukat? nonfoq ruħi u nkun nafulek sa mewti, jekk teħlisni minn din it-taħbila, għax ingħidlek is-sewwa ma nafx fejn nati rasi. Qatt ma għadda minn moħħi li dan Kieli ser igħallini fl-aħħar.

—S'issa ma hemm xejn sod li tista' timxi fuqu, imma jkun aħjar kieku ttawwal il-biċċa.

—Nara x'nista' nagħmel, qal Nikol, għax il-mara għandha mitt sena biex iddaħħlu għarus.

—Nifhmek, qal l-avukat, inti agħmel li tista'. Mur u ħalli din il-ġimgħa tgħaddi u arġa' ejja. Nikol mar ir-raħal u ma tarraf lil ħadd x'kien sama', imma Madlien daħħlet lil Kieli għarus minnufih u kollha ferħana bdiet taħseb għall-ġies, iddur, tara xi mobbli għall-għamara u żżur il-qraba biex tatihom il-bxara. Żeżi nġabret il-ġewwa aktar minn dari midhija aktar bil-ħjata u biż-żagarelli milli bil-għarus li ġibilha maktur daqshiex u ħatem tad-deheb minn dawk taż-żewġ idejn iżommu qalb. Ftit ġranet wara Kieli beda jistaqsi mita jsiru t-tnidijiet u mita jiltaqgħu għall-kitba taż-żwieġ. Nikol dejjem kelma waħda: "X'għaġla hemm? qattusa għaġġilija tagħmel friegħ għomi.

Mita wasal iż-żmien, Nikol raġa' telaq għand l-avukat.

—Għandna xi aħbar tajba sur avukat ?

—Riħ ħażin għandna, Nikol. Ma jistâx wieħed iħassru dan iż-żwieġ ?

—Kif inħassru, il-mara għalkemm ma tħajritx tibda t-tnedijiet.

—Żmien għandna bżonn, Nikol, jekk iniedu jkolli nikteb lill-Kappillan.

Nikol ma sabx xi jgħid jew x'jagħmel.

Il-Ħadd ta' wara, il-Kappillan tar-raħal qara fl-awrora l-ewwel tnedija:

" Jien għandi ser isir żwieġ bejn Mikiel Borg bin Pawlu, mill-belt ta' Susa u Żeżi Fabri bint Nikol Fabri ta' Qinċla u Madlien Paris it-tnejn minn dina l-parroċċa. Min jaf xi ħaġa li għaliha dan iż-żwieġ ma jistâx igħaddi l-quddiem għandu jistqarrha taħt piena tal-iskomunka skond il-Kostituzzjoni Sinodali. Dina hi l-ewwel tnedija."

Il-għada Nikol sab ruħu għand l-avukat biex igħidlu x'ġara.

—Ħalli f'idejja, qallu, issa nidħol jien, int qiesek ma tafx b'xejn, mur għal xogħlok, żommni biss imgħarraf minn dak kollu li jiġri.

—Sur avukat ara li ismi ma jidhirx, għax fir-raħal qatt ma nstama' ismi u aħna nies tal-unur. Flusi f'idejk u ġieħi wkoll... ara fejn kelli niġi wara li ħdimt tant u għamilt kemm stajt ġid ir-raħal!..

—Xejn tibża' Nikol int u niesek toħorġu ta' galantomi, minn hu ħtija jħallas il-laħam.

Il-kappillan, ġranet wara, waslitlu ittra li tgħidlu li Kieli s-Susi mhux għażeb u jekk ma jurikx karti minn Tunes li hu għażeb jew armel iż-żwieġ li nidejt ma jistâx isir.

—Il-kappillan, b'għaġeb kbir tiegħu, bagħat għal Kieli u qallu x'kitbulu. Jingħad li ma nistâx inżewwġek għax int ma ġibtx ruħek sewwa u la mal-Knisja u l-anqas mal-liġijiet ta' pajjiżek. Jien ma għandix nara ħlief il-liġijiet tal-Knisja, għall-ħwejjeġ l-oħra jaħseb min imissu. Ġibli l-karti li ninħtieġ jekk trid li t-tnidijiet imorru l-quddiem.

—Sur kappillan, qal Kejli, jien m'jiniex miżżewweġ imma biex inġib il-karti rrid ħafna żmien.

—Jien m'jiniex ingħaġġlek; mita jaslu l-karti nżewġek.

—Kejli qalbu għamlet tikk għax biex iġib il-karti ta' l-*istatu libru*, kif qallu l-kappillan kien jidħol f'nassa li ma bħalha li twasslu fiż-żundana ta' Susa.

Mar dritt għand Madlien u qallha li l-kappillan talbu karti li kellu jġibhom minn Susa biex ikompli t-tnedijiet imma hu kien ser jitlaq il-għada stess u jmur għalihom u fi żmien ta' ġimgħa jew l-aktar ta' għaxart ijiem ikun magħhom.

—Nieħdu ftit tal-paċenzja la l-biċċa ġiet hekk, iż-żwieġ isir ix-xahar id-dieħel, qallha.

Id-dar kulħadd baqa' skantat għal din il-bxara, in-nisa ma ħaduhiex wisq bi kbira għax il-kappillan għamel dak li jmissu; "miskin Kejli ser jieħu safra bla ħsieb," qalu. "Nistennew, la ġiet hekk".

Nikol baqa' jħares donnu mibluh, mar għand il-kappillan biex ikun għamel xi ħaġa nbagħad telaq għal għand l-avukat.

—Faqqgħet il-bomba hux Kol?, qallu, malli rah quddiemu, Ħlistekx ta' raġel mil-lifgħa li kont ser iddaħħal f'komtok? Ma stajtx issib raġel aktar ħażin minn Kieli s-Susi biex titħaten miegħu. Jekk ma jfittixx jitlaq minn Malta jibagħtu jiġbruh minn Tunes għalli għamel żmien ilu. Mur Nikol u ixgħel xemgħa lill-anġlu kustodju ta' bintek li ħelisha minn dak il-għarus. Sewwa jgħidu: li ħamiema bla hiena jtemmha s-seqer. Int tgħid xejn u qiesek ma taf xejn għax Kieli waħdu jitlaq baxx baxx u jgħib għal dejjem,

Hekk kien. Għaddiet ġimgħa, għadda xahar, u Kieli ma deherx iżjed. Madlien damet ma ntebħet li l-għasfur kien tar u damet trodd is-slaleb aktar minn xahar. Żeżi baqgħet mix-ruba f'qoxritha għax qatt ma kienet taħseb fejn kienet tista' tasal il-ħiena ta' żagħżugħ ħelu u twajjeb bħal Kieli; bkiet u xarrbet bid-dmugħ il-maktur tal-ħarir li qalgħet fir-rabta. Fir-raħal, min għela, min feraħ, min daħak, min qal jaħasra għal Żezi, min qal ħaqqhom, għamew għal żinżill barrani. Vitor, il-ġara ta' Madlien, kull daħla u ħarġa kienet issamma' leħena minn wara l-ħajt tal-għalqa :

"Ħanini beċċun bajdani
"fejn imur iżoqquhuli :
"il-ħali jagħmel għal żaqqu
"għad xi darba jżommuhuli."

Nikol ħallas l-avukat malli bagħtlu l-kont, lira tad-deheb fuq l-oħra, u għall-Milied newwillu dundjana smina u wiżża mill-isbaħ għax kien jistħoqqlu.

Biż-żmien kollox intesa. Żeżi tgħarrset ma' Pawlu "Ta' Martina," li kellu f'idejh il-għelieqi u l-ġardin l-abjad ta' Ta' Brija. Niesu u nies Nikol saru ħaġa waħda. L-ewwel ħarġa saret il-Buskett fil-ġnien tas-Sultan; l-iħtiena spalla ma' spalla, l-imdanna mdendla mal-kenna, il-barba quddiem, is-slejjef gozz wieħed, wara. Il-kappillan wasal fl-aħħar u berikhom b'qalbu kollha għax il-koll kien jafhom u kien iħobbhom bħal uliedu, għax trabba' tista' tgħid magħhom.

U l-għarajjes għammru u tammru kif nafu li għamlu dejjem il-għarajjes fil-ħrejjef ta' niesna fl-imgħoddi.

17/1/33.

T. Z.

# DIZZJUNARJU TAS-SINÔNMI MALTIN

Fil-Ħarġa ta' Marzu, l-Editorjal ta' "Il-Malti" tkellem fuq il-ħtieġa li hemm ta' Dizzjunarju tas-sinônmi għall-kittieba tal-Malti, l-aktar għaż-żgħażagħ : u kull ma qal, kollu minnu, għaliex il-kelma tonqosna sikwit, u r-reqqa fil-kitba maltija għad baqa' ħafna li ma jafux biha.

Jiena biex kieku nħaffef xi ftit ix-xogħol għal min ikun irid jindaħal għal dan id-dizzjunarju—li, ingħidu b'qalbi f'idejja, kont nagħmlu jien, li kieku kont għadni l-ura fis-snin—ħsibt u rajt li nagħmel xi twissija u nġib hawnhekk xi turijiet kif għandu jinħadem dan id-dizzjunarju, biex jisfa tassew fejjiedi u ma jħallix ebda dell ta' dgħul f'min jaqrah.

L-ewwelnett, fid-daħla ta' dan id-dizzjunarju, jixraq li wieħed ifisser sewwa x'inhuma is-*sinônmi*; għaliex din il-kelma, griega fin-nisel, tfisser *kliem li għandu tifsir wieħed*, jew *kliem li jfisser sewwa sew bħal xulxin*, fil-waqt illi aħna nafu illi l-ebda lsien ma għandu sinônmi f'dan is-sens, la darba xi divrenzja żgħira bejn dak li tfisser kelma u dak li ssarraf oħra, issibha dejjem. Għalhekk jixraq li wieħed jibda biex ifiehem sewwa li l-kelma sinônmi għandha tittieħed fis-sens ta' tnejn, tlieta, erba' kelmiet jew aktar, fi lsien wieħed, illi jaqblu fil-qalba tat-tifsir tagħhom, iżda li jingħażlu minn xulxin f'xi dwar jew ċirkostanzi.

Inbagħad jibda biex jiġbor, minn dak li jaf hu, minn dak li jsib fil-kotba u fil-vokabbolarji, dawk il-ġlejjeb ta' kliem —nomi, aġġettivi, verbi—li għandhom tifsir, wieħed, jew aħjar, tifsir li jixxiebaħ, u jqiegħdhom waħda wara l-oħra fuq l-ordni ta' l-alfabett.

L-ewwel kelma ta' kull ġliba—li titqiegħed fuq l-ordni tal-alfabett—tkun dejjem dik li nistgħu ngħidulha *il-mamma*, għaliex *il-qalba* tat-tifsir tagħha jkun jinsab fl-oħrajn kollha, u wara tiġi l-bqija tal-kliem l-ieħor; it-tieni waħda dik li fit-tifsir tagħha titbiegħed l-anqas mill-mamma, u hekk it-tielet etc.

Wara li jqiegħed il-kelmiet *sinônmi* waħda wara l-oħra kif għidna haw' fuq, min jaħdem id-dizzjunarju, għandu jati, taħt, il-qalba tat-tifsir li tinsab fil-kliem kollu, u nbagħad jibda jati t-tifsir ta' kull kelma, mill-mamma sa l-aħħar waħda, u b'xi għidud jew mirja juri ċar x'igħaddi bejn il-waħda u l-oħra.

Biex niftiehmu aħjar, nieħdu dawn l-erba' kelmiet, li huma erba' verbi : *Għalaq*, *qafel*, *tebaq*, *sakkar*.

Dawn l-erba' kelmiet ifissru kollha *il-maqlub ta' fetaħ* : iżda jekk wieħed igħarrex sewwa, jintebaħ malajr illi bejn il-waħda u l-oħra hemm xi divrenzja li tagħżilha minn sħabha, u li għalhekk ma nistgħux fil-ħabtiet kollha ninqdew bil-waħda jew bl-oħra mingħajr ħsieb, jew kif ġiè, ġiè.

Issa *għalaq* jidher ċar li hi *il-mamma* għaliex *l-għamil* imfisser minn din il-kelma jinsab fit-tlieta l-oħra; iżda mhux hekk minn l-oħrajn.

*Għalaq* ifisser biss *il-maqlub ta' fetaħ*, turija: Jien *għalaqt* it-tieqa, u r-riħ *fetaħha*;

*Qafel* iżid xi ħaġa ma' *għalaq* u jfisser mhux biss *ma ħalliex ħaġa miftuħa*, iżda wettaqha wkoll b'xi *qafla*, jew xi *qfil*;

*Tebaq* ifisser *għalaq*, iżda b'mod illi ma jista' jidħol u joħroġ xejn, anqas l-iżjed ħaġa żgħira;

*Sakkar* ifisser *għalaq u wettaq bis-sokra*, jiġifieri b'mod illi ma jkunx jista' jinfetaħ iżjed, jekk ma titneħħiex dik is-sokra.

Għalhekk jiena nista' ngħid : "*Bieb magħluq*, *bieb maqful bieb mitbuq*, *bieb imsakkar*, għaliex nista' nressaq il-bieb li ma jibqâx miftuħ, nista' naqflu, billi nqegħdlu xi *qafla*, nista' *nitbqu*, billi ma nħallix anqas dawl jidħol minnu, u nista' nsakkru billi nagħmillu xi stanga, jew xi sokra oħra.

Iżda nkun nikteb ħażin u ma nfisserx dak li rrid, jekk ingħid : "*Għandi l-istonku msakkar*," jew *l-istonku maqful*, għaliex fl-istonku ma jindaħlux il-qafla u s-sokra; iżda ngħid tajjeb meta ngħid: "*Għandi l-istonku magħluq*," jew *mitbuq*, għaliex xi drabi donnu ma jistâx igħaddi minnu anqas nitfa ta' ikel, jew qatra ilma. Ingħid ukoll tajjeb meta ngħid "naqfel iż-żarbun, iżda ndaħħak, kieku ngħid *insakkar iż-żarbun*, u kullħadd ikollu l-jedd jifhem li nkun sa nsakkru ġe' xi kaxxa jew senduq, biex ma jisirquhulix. Anqas ingħid sewwa jekk ingħid "insakkar għajnejja," inkella *naqfel għajnejja;* imma ngħid tajjeb *nagħlaq għajnejja*, u tista' tgħaddi wkoll xi darba *nitbaq għajnejja*, biex infisser li *għalaqthom tajjeb* biex bans ma nara.

"B'mera ieħor nistgħu nieħdu l-erba' kelmiet li ġejjin erba' verbi wkoll :

*Dam*, *tnikker*, *twaħħar*, *iddawwar*. Il-qalba tat-tifsir ta' dawn l-erba' kelmiet hi din : *iż-żmien li wieħrd jieħu biex*

*jagħmel xi ħaġa.* Minn haw' jidher safi safi li *il-mamma* f'daw' l-erba' sinônmi hu *dam*, għaliex it-tifsir ta' din il-kelma tinsab fit-tlieta l-oħra, iżda t-tifsir ta' l-ebda waħda oħra ma jinsab kollu fl-oħrajn.

*Dam* ifisser ħa żmien, jew ħela żmien. Ara: *dam* siegħa biex wasal mill-Belt sa r-raħal, jiġifieri "ħa siegħa żmien biex wasal" etc. *Dam* ġej jumejn minn Marsilja.

*Tnikker*, ifisser *dam*, iżda *aktar* milli kien imissu, għaliex karkar jew ġebbed f'dak li kien jagħmel: *dam iżjed* għax naqqas fil-ħeffa. Ara: Fejn tibagħtu jmur, imma jdejqek għax *jitnikker*;

*Twaħħar*, ifisser *dam aktar minn l-oħrajn kollha*, wasal, spiċċa, ħeles *l-aħħar.* Ara: Smajt omm tgħid: uliedi kollha jħobbu jinġabru d-dar mat-tieni avemarija, imma Toninu *jitwaħħar.* "Din laringa *mwaħħra*, jiġifieri li saret l-aħħar, *damet* ma saret aktar minn sħabha kollha.

*Iddawwar*, ifisser *dam* għaliex ma ġiex mat-trîq id-dritta, li hi dejjem l-iqsar, u għalhekk titlob anqas żmien, iżda ġiè bid-*dawra*, u għalhekk *dam* aktar milli kien imissu. Ara: Malli tispiċċa mix-xogħol, ejja d-dar dritt, *tiddawwarx.*

*(Jissokta)*

**Dun Karm.**

# IL-ĦARBA TA' NIKOL TURTORA

*(Jissokkta mal-paġ. 31).*

Wara li neħħa xi ġebel oħra minn mal-ħajt, Turtora sab li għamel toqba li minnha seta' joħroġ. Iżda, mita Turtora għadda minnha, ma sabx ruħu aħjar minn fejn kien qabel. Fejn daħal ukoll kien maqful bħal ma kienet il-kamra tiegħu. B'daqshekk Turtora ma qatax qalbu. Reġa' beda x-xogħol mill-ġdid, billi qabad iħaffer bis-salib, bħal qabel, il-ħajt tal-kamra li fiha daħal. Fl-aħħar irnexxielu jagħmel toqb'oħra li minnha seta' jgħaddi. Mita Turtora ħareġ mit-toqba li għamel, din id-darba sab ruħu f'kamra oħra li kellha l-bieb tagħha miftuħ. Turtora ħareġ minn din il-kamra għal mogħdija li kien hemm. Iżda sab ruħu ma' ġenb ħitan li, mill-anqas, kienu għoljin għoxrin pied. B'dan kollu, Turtora ma

naqsitux il-ħila. Qala' l-firroll tal-bieb u l-vireg tat-tieqa u bihom mar f'rokna tal-ħajt. Beda jwaħħalhom fix-xquq ta' minn ħajt għall-ieħor, u, bis-saħħa tagħhom, irnexxielu jitla' sa fuq. Iżda mita xiref minn fuq il-ħajt, Turtora nħasad, billi kien hemm suldat għassa. Għad-dehra tal-għassies, Turtora ħaseb, li kull ma għażel sarlu suf, u beża' li mill-qattara weħel fil-miżieb. Imma minn dak li ħaseb u beża' Turtora, ma kien hemm xejn. B'xorti kbira għal Turtora, kienet nieżla hekk xita bil-qliel, li s-Suldat kien qiegħed jistkenn ġewwa l-gardjola. Għaldaqshekk Turtora baqa' għaddejj, bla ma tal-għassa ntebaħ bih, u wasal ma' ġenb bieb għoli ħafna. Turtora xxabbat miegħu, u sab ruħu fuq pont li jaqsam foss. Iżda dan il-pont kien għoli wisq biex Turtora jitħajjar jagħmel biss il-ħsieb li jaqbeż minn fuqu. B'dan kollu, ma qatax qalbu. Mar l-ura lejn il-kamra tiegħu, ħa l-gverta, qattaħħa trieħi u għamilhom ħabel. Bil-ħabel miegħu reġa' mar lejn il-pont, waqt li x-xita baqgħet nieżla bil-qliel u l-għassies dejjem jiskenn fil-gardjola, l-akbar ħsieb ta' dan li ma' dwaru hemm il-maħrub Turtora.

Turtora rabat tarf mill-ħabel ma' fuq u niżel miegħu sat-tmiem tiegħu; iżda billi l-ħabel ma kienx ilaħħaq sa l-art, kellu jaqbeż il-għoli li kien fadal.

Il-baħar kien imiss ma' tarf il-foss ta' fejn ġiè Turtora, ħajt ċkejken biss kien hemm x'jaqsam. Turtora qabeż il-ħajt, inxteħet fl-ilma, qasam il-baħar u għam tul ta' erba' jew ħames mitt jarda, sa kemm seta' jaqbad it-tarf tar-Rikażli. Mita wasal l-art, Turtora ma waqafx hemm, billi r-Riġment Sqalli kien ikkwartirat fil-Forti Rikażli, iżda baqa' dieħel għal ġo' r-raba', fejn ġiè milqugħ minn xi bdiewa Maltin. U hawn Turtora sab ruħu ħieles għal kollox mill-ħabs.

Għan-nuqqas ta' Turtora, il-Gvern malajr ħareġ Avviż. Fih ġiet imħabbra l-ħarba ta' Turtora mill-Ħabs Militari, biex ħadd ma jkun jista' jilqgħu f'daru jew jatih l-iċken għajnuna. Barra minn hekk, kullħadd kien fid-dmir, li, jekk ikun jaf fejn kien moħbi, mill-aktar fis igħarraf lill-Qorti, jew lir-Riġment tiegħu. Tarġa', min jinqabad li ma għamilx kif giè mwissi fl-Avviż li semmejna, kien jiġi mkeċċi minn dawn il-Gżejjer għal kollox, barra wkoll minn pieni oħra li kienet trid tati l-Qorti, pieni li kellhom ikunu mdaqqsa għal dik il-għamla tal-ħtija li ssir. Iżda, minn kien igħarraf lill-Qorti, jew lir-Riġment Sqalli, fejn jistgħu jaqbdu lil Turtora, barra milli jeħles minn kull piena, kien jieħu 100 skud.

Biex kullħadd kien jista' jagħraf lill-maħrub, l-Avviż għarraf x'jismu, minn fejn hu, li kellu 27 sena u twil 5 piedi,

6 pulzieri u tliet kwarti. Lewnu samrani, xagħru iswed, għajnejh qastnin, imnieħer oħxon, ħalq kbir, moħħ għoli u b'ġerħa fih u widnejn imtaqqba.

Mill-Ħabs ħarab xuxa. Bil-qmis, qalziet u żarbun tassuldati. Il-qmis bil-ħżież fuq is-sider u l-qalziet tas-suf abjad, U jintgħaraf li kien il-ħabs, għax kellu wiċċu mixrub u b'leħja ta' sitt ijiem.

L-Avviż li ħareġ, biex igħarraf bil-ħarba ta' Turtora, ġiè mxandar ma' Malta kollha.

Il-Bandi fil-Belt kienu jiġu mxandra, bid-daqq tat-Trumbetta, fejn Putirjal, fil-Misraħ tas-Suq (il-lum ukoll Suq), fittriq ta' bejn il-Mandraġġ u l-Bieb ta' Marsamxett, fit-triq imsejħa *delle due Palle* (id-duwiballi), qrib il-għajn tal-Arċipiergu u x-Xatt, ħdejn il-Ġgant.

Iżda, bil-Bandu kollu li ħareġ, Turtora ma nstabx. Għalkemm il-Bandu kien ihedded dawk il-pieni ħorox li semmejna, ħadd ma mar igħarraf fejn Turtora kien qiegħed moħbi.

Turtora dam igħix mal-bdiewa Maltin, jaħdem fir-raba', għal dawra ta' sitt ġimgħat. Kull mita kien ifettillu kien jidħol sal-Belt biex jixtri l-ikel u xi ħwejjeġ oħra li kienu jonqsuh. Iżda fl-aħħar, waqt li kien il-Belt, ġiè magħruf minn wieħed surġent tar-Riġment tiegħu. Dan ħatfu u żammu. U Turtora reġa' ġiè mill-ġdid meħud il-Ħabs.

Mita Turtora għarraf kif kienet il-ħarba tiegħu, neħħa kull ħtija minn fuq is-suldat tal-għassa, li ma kienx jaqdi dmiru sewwa. Turtora qal, li waqt il-ħarba tiegħu x-xita kienet nieżla hekk wisq bil-qliel, li l-ebda maħluq ma kien joqgħod fiha, ħlief xi wieħed li kien jinsab f'dak li fih kien jinsab hu.

Għalkemm Turtora kien imwaħħal għall-mewt, għall-kbira ħedma li għamel biex kiseb il-ħelsien tiegħu mill-ħabs, il-Gvernatur ġietu ħniena minnu. Il-Gvernatur qal : ħadd ma jista' jiċħad, li Turtora, bil-ħila tiegħu ma kisibx ħajtu millġdid; u għalhekk din għandha tibqagħlu.

Lil Turtora ħafrulu l-mewt, iżda keċċewh għal dejjem minn dawn il-Gżejjer.

Il-biċċa ta' Turtora, ma għandniex xi ngħidu, kienet bħal ma qal il-Gvernatur. Biex Turtora kiseb ħajtu, sawwar ħarba b'għamil ta' ħila kbira wisq. Il-biċċa tiegħu turi li kellha minn għamil l-agħsafar, kif hekk ukoll hu, b'ċajta, fisser ilħarba tiegħu, mita wara l-bieb tal-ħabs ħażżeż: Tortora volò (il-gamiema taret).

**Ġużè Gatt.**

# ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija:

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħal ma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħal ma kellhom fiż-żmien ommha w-nannietha:

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ ta' l-Alpi, l-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

fuq wiċċek biss, ja Baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija:

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla ħeda w-sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma ta' l-imħabba, int 'l-Art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha, hi safja w-bnina!

Iżda meta ta' saħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l-sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

jaqbadni l-biża', u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ ta' l-imsejknin li hemm ġo fihom.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxeħet fuq ir-ramel
ta' xtajta w-kollok ċajt u kollok ħlewwa

tilgħab b'werqa ta' l-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu w-qatt ma nsejtha.

13-14 –4—33 **Dun Karm**

# META JKUN M'N-ALLA

Kien nhar ta' Ħadd, f'xi t-tmienja-u-nofs ta' filgħodu, fir-rebbiegħa; f'raħal hawn Malta, li kieku ma ridtx insemmi ismu.

Żewġt itfal, miftehmin minn kemm-il-jum qabel, kienu ltaqgħu biex imorru għall-għasafar flimkien. Il-kbir bejnhom kellu x'erbatax-il-sena; qawwi, samrani, xagħru iswed tuta, għajnejh qastnin. Kien jismu Pawlu. L-ieħor ta' xi tnax: godli, qamħi, xagħru għasli w-għajnejh suwed. Isem dan kien Nazju. Ma kienx ilhom wisq li għamlu ħbieb: xi ħmistax; minn meta Pawlu kien ġieb għasfur, nofs ilbies, l-iskola; u wara li xaba' jilgħab bih fil-milgħab, kien tah lil Nazju. Dan ħadu d-dar, imma nsieh ftit waħdu, u kilethulu l-qattusa!

Issa Nazju kien isus wara Pawlu biex iġiblu għasfur ieħor; imma dan qallu li jekk irid għasfur ieħor, kellu jmur ukoll hu miegħu ifittxu flimkien fejn kien hemm il-bejtiet, għax ma riedx ibati hu waħdu għall-għasafar, u mbagħad tikolhom il-qattusa. Għalhekk ftiehmu għal nhar il-Ħadd, wara l-quddies għal xi t-tmienja-u-nofs. Pawlu kien ta' kelmtu:

ġie minn tarf ir-raħal, iltaqa' ma' Nazju fil-ħin u fejn ftiehmu, u kienu sejrin għalanija.

Kif kienu għaddejjin mit-triq tal-Knisja, jitħaddtu fuq l-għasafar, Nazju qata' l-kliem u qal: "Ara, ġejja dik!" Pawlu wkoll ħares 'il-quddiem biex jara min hi *dik*, li kienet ġejja.

Kienet tfajla ta' xi għaxar snin, la tgħid ħoxna w-anqas irqiqa: liebsa nadif; f'riġlejha żarbun żbibi, ileqq mera; ġrabiet żoroq, sa taħt irkubtejha, u libsa qasira ħamranija; imgħoddija tinjiet-tinjiet, minn qaddha l-isfel. Wiċċha bejn tawwali u mdawwar, lewn il-warda, xofftejha ħomor u rqaq, imneħerha mislut, għajnejha kbar u suwed. Xagħarha ma kienx jidher, għax imgħotti minn ċulqana żgħira tlellex, li kienet iżżommha kemm-xejn f'tarfha, bil-wejda tagħha, bajdabajda, il-leminija; waqt li x-xellugija moħbija taħtha. Timxi sewwa ma tħares imkien għajr quddiemha, qiesha xebba.

Malli waslet ħdejhom ħarset u tbissmet ħafif; hekk ħelwa dehret dak il-ħin, li Pawlu bla ma ried, waqaf bħal milqut minn xi seħer. "Isa, Vitor," qalilha Nazju, "ommi qiegħda tistenniek!" It-tfajla ħarrket rasha, egħliem ta' iwa, u baqgħet sejra.

Pawlu raġa' beda jimxi, u għal ftit tal-ħin ma tkellem xejn. Ħares l'ura, imbagħad dar bħal mibluh u qal lil sieħbu: "Din oħtok, Naz?" "Iwa", wieġeb Nazju "din oħti ż-żgħira"; u baqgħu jimxu siktin.

"Jekk meta nikber għad nizżewweġ", kien igħid bejnu u bejn ruħu Pawlu, "lil dit-tifla għad nieħu. Kemm hi sabiħa! U kemm hi għaqlija! Ġmiel u għaqal! X'jista' jingħata f'tifla aktar minn hekk?"

U ż-żewġ subien baqgħu sejrin għall-għasafar.

* * *

Minn din il-laqgħa kienu għaddew xi snin. F'daż-żmien Pawlu kien beda jduq ġmielu l-imrar tal-ħajja. Missieru kien ilu li miet qabel il-laqgħa li semmejna fuq, w-issa ommu wkoll kienet marret għand Alla. Kellu żewġ ħutu d-dar, snin akbar minnu, tifla u tifel; imma l-waħda kienet iddur ma' kull riħ, u l-ieħor, bniedem żorr u ta' qattani. It-tnejn daru għalih, imsejken tifel, lejl u nhar igemgmulu u jgħajruh: "bla ħila". Għalhekk beda jaħseb kif idabbar rasu, għax ra li dik ma kenitx ħajja għalih.

Imbgħad, meta beda l-ħarb il-kbir, Pawlu bla kliem ma' ħadd, inkiteb u siefer għal Salonka, mat-tajfa tal-Ingliżi. Beda jmur u jiġi, u billi 'l ħutu kien iħokkilhom idejhom, kienu juru ruħhom li jġibuh. Il-ħarb waqaf, u bil-flus li kien għad għandu Pawlu qatagħha li jmur l-Awstralja, kif għamel tassew.

U 'l Vitor, insiha għal kollox Pawlu? Issa naraw.

* * *

Issa qegħdin l-Awstralja, nisimgħu lil Oskar, żagħżugħ minn Birkirkara, u lil Pawlu, mir-raħal li kieku ma ridtx insemmi ismu, jitħaddtu bil-qiegħda fuq dikkiena fi ġnien, taħt siġra tal-lewż immawwra, għalihom weħedhom. Oskar kien se' jarġa' għal Malta, biex jiżżewweġ ix-xebba li togħġbu. Kien trabba tista' tgħid flimkien magħha, għax ommijiethom kienu ġirien, bieb ma' bieb. Billi issa Oskar kellu x'erba' ħabbiet ġmielhom, qata' li jmur Malta, jiżżewweġ lil Lily, jiftaħ ħanut u jgħix f'daru bis-sliema.

"U inti ma biħsibekx tgħarraqha, Pawl?" qallu Oskar meta temm taħdidtu. X'għandek xi tgħid fiha dik l-Irlandiża ta' xagħarha aħmar? Sabiħa, flus għandha, mill-għaqal m'hix nieqsa, għax qatt ma smajt li ħarset lejn ħadd ħliefek. Li kont jien minn bidlek, u kieku ma lħaqtx ftehemt ma' Lily, ma kontx inħalliha titlef rasha, imsejkna tifla, bħal ma qiegħed tagħmel int."

"Mitt bniedem, mitt fehma, Osk!" wieġeb Pawlu bla ma tħarrek, minn kif kien fuq dahar id-dikkiena, iħares lejn il-ħaxix quddiemu, b'riġlejh immattrin imsallbin waħda fuq l-oħra, u idejh marbutin fuq sidru, u hekk baqa'. "Igħidu li min jitlaqqam darba bil-ġidri ma jimrad qatt bih; u jien, fija, dik il-ħaġa li jgħidulha mħabba, sfatli bħall-ġidri. Meta kelli x'erbatax-il-sena rajt naqra ta' tifla (rajtha biss, ifhimni); kienet hekk sabiħa... hekk ħelwa... hekk... ma nafx kif nibda ngħidlek, li saħħritni bir-ruħ u l-ġisem. Minn dak inhar sa issa, anqas jekk nara l-isbaħ bint is-slaten ma ċċaqlaqni..... għedtlek, bħall-ġidri: tlaqqamt darba, tbarrejt għal dejjem."

"U dan kollu għax rajtha darba biss, Pawl?"

"Darba waħda biss rajtha tassew, konna sejrin naqbdu l-għasafar ħuha w-jiena; imma kemm drabi rajtha bil-ħjiel, Alla waħdu jaf; hawn ukoll tidhirli, l-aktar meta jiġi xi nhar riżqu ħażin; imma iżjed meta kont Salonka. Wara nhar xogħol

fil-bard, bil-borra nieżla fuqna, konna mmorru nistrieħu fuq naqra ta' mitraħ, fuq sodda tal-għuda baxxa. Ilma jqattar fuqna; ilma għaddej minn taħtna. Qabel ma għajni tmur bija, kont nistħajjel naraħa ġejja min-naħa tal-knisja tar-raħal, miexja qajl-qajl, ma tħares lejn ħadd, b'dawk t-tinjiet tal-libsa ħamranija jinfetħu u jingħalqu fuq irkubtejha mal-mixi: wiċċha bejn imdawwar u tawwali, lewn il-warda ta' Mejju; għajnejha jiddu. Tasa.... tħares lejja, titbissem u tibqa' sejra...

"Aħħ!" qal Oskar, u rema s-sigarrett bil-herra, għax billi kien iħares mistagħġeb lejn Pawlu, insieh imqabbad bejn subgħajh, u ħaraqhomlu. Bell tarf il-maktur bir-riq, għorok subgħajh, u qal: "U għax ma tiżżewwiġhiex Pawl?"

"Hm! Hemm għadha tistennieni! Sa' l lum ilha li żżewwġet! Tifla sabiħa, bint il-għaqal, min jaf kemm ilha li żżewwġet. Għax ma żżewwiġthiex, kien messek għedtli."

"Iwa, tajjeb: għax ma żżewwiġthiex?"

"Għal żewġ ħwejjeġ, Osk; u dawn iż-żewġ ħwejjeġ, jitwaħħdu f'ħaġa waħda. L-ewwel, għax jien għażli ħażin. It-tieni, għax dit-tifla nħobbha tas-sewwa. U dawn iż-żewġ ħwejjeġ jingħaqdu f'waħda: għax ma rridhiex tbati. Kieku ħadtha jien, għażli ħażin kif inhu, kien ikollha tbati miegħi; imma min tħobbu ma tridux tbati; u għalhekk ma ħadthiex, biex ma nġagħlhiex tbati.... Ħalli hekk aħjar, jien inbati waħdi, u hi.... tithenna, imqar ma' raġ...." *Raġel ieħor*, kien sa' jgħid, imma żamm il-kelma u bħal kien se' jolfoq.

* * *

Għaddew xi snin oħra. Issa ninsabu Malta, ġewwa dar fir-raħal li ma ridtx insemmi ismu. Mara xiħa, kobba fuq sodda, u Pawlu bil-qiegħda fuq siġġu ħdejha. Hu kien issa qorob l-erbgħin, u ġie Malta nġabar ma' għammtu, xebba xiħa. Minn *dawk* kien ġieb xi ħaġa wkoll, u issa kien qabad jaħdem fil-magħmel tal-ħarir, in-naħa tas-Sindjâna, naħseb taf fejn. Filgħaxija kien jiġi kull jum jorqod id-dar.

"Int għidt *Użarju* Pawl?" qaltlu għammtu wara sikta twajla. "Iwa, għedtu," wieġeb Pawlu. "Jien ukoll," temmet għammtu Żeż. "Kont il-Knisja, ġiet Anni tax-Xejxu, qalti: Tridx ingħidu l-*Użarju* fl-imkien, Żeż? Għidtilha: Iwa; u għidnih".

Mita Żeżi semmiet ix-Xejxu, Pawlu bħal inħasad. Inbagħad wara ftit li x-xiħa siktet Pawlu qal: "Lil tax-Xejxu nafhom. Naf is-subien, u naf ukoll waħda mill-bniet: Vitor. Kienet naqra ta' tifla: ilu dan!.. Min jaf s'issa kemm ilha li żżewwġet!

"Lê!" wieġet għammtu Żeżi, ittawwal l-*e* biex turih kemm li qal hu kien bgħid mis-sewwa. "Lê! Waħda biss iż-żewġet mill-bniet, u daqs kemm qalulha ħutha. M'għandhomx ħsieb iż-żwieġ, imsieken. Kemm huma tfal tajba! 'Qas hawn bħalhom ir-raħal."

Minn dan kollu Pawlu ma fehemx ħlief il-"Le", għax rasu bdiet ittextex u qalbu tħabbat qawwi, u ħaseb li se' jħossu ħażin. Mita ġiè f'tiegħu raġa' tenna, biex jara kienx sama' sewwa: "Ma nafx għala ma żżewġux, daqs kemm huma nies sewwa". "Għax ma ridux", reġgħet għammtu "ma bagħtux ftit joħtbuhom". Is-subien kien se' jkollhom xi jgħidu mħabba f'Vitor, xi sena îlu. Riedha Dovik tal-Qares, u ħuha l-kbir bħal wegħdhielu, għax ħbieb miegħu ħobż u sikkina: u Dovik 'qas fih xi tgħid. Mita qalulha, b'xejn ma riedet tisma' Xi ċċaqlaq, l-iġbla? U Nazju kien iżomm magħha, u għal ftit ma kellux xi jgħid ma' ħuh il-kbir fuq hekk. Sa kien sejjer jeħodha u jikri għalihom it-tnejn weħedhom. Titkellimx int, taf, għax barra ħadd ma jaf xejn. Lili qaltli oħthom Anni, għax tafda miegħi".

Jekk Pawlu raqadx tajjeb dak il-lejl, tista' tobsor inti, Anqas għalaq għajnejh! Igħejja fuq ġenb, jinqaleb fuq l-ieħor. u jaħseb: jistħajjel u jaħseb. Stħajlu jibgħat joħtob lil Vitor. Tgħid iwa. Iniedu. Itejjġu. Joqogħdu fid-dar ma' għammtu. Jiġi kull-jum mix-xogħol, u jsibha d-dar tistennieh. Igħidilha fuq kull ma' għadda minn għalih fis-safar, l-iżjed fuq il-bniet li kienu jistaduh, u hu ma riedx jaf bihom, imħabba fiha. Dan u mitt ħaġ'oħra. Għal xi t-tlieta ta' filgħodu beda jħoss xi weġgħa f'rasu; il-ħsibijiet bdew jitbiddlu weħedhom. Fl-aħħar għajnu marret bih u raqad sa s-sebħ.

* * *

Hawn jeħtieġli nqassar fejn kont nixtieq intawwal. Pawlu kien fetaħ qalbu ma' għammtu, u din marret hi nfisha toħtoblu 'lVitor. Ħwejjeġ tal-għaġeb! Vitor mill-ewwel qalet "iwa", donnha kienet tistennieh! Issa naf ukoll għaliex, imma ma

ngħidx, biex inqassar kemm nista'. Pawlu mita sama' l-għammtu, ma satax jemmen lil widnejh; bil-ferħ kien se' jimrad, għax ma kellu qalb ebda ikel iżjed għal xi ġimagħtejn.

Għaġġlu nedew, u Vitor riedet imorru jtejjġu l-Mellieħa, fil Għar tal-Madonna, u hekk għamlu. Nies kien hemm qajla: il-qraba u x'erba' ħbieb tal-qalb. Għamlu kollox sewwa u bla tlellix. Filgħaxija ġew ir-raħal u marru d-dar.

Wara li tħaddtu ftit ma' Żeżi, għammet Pawlu, daħlu l-"Maqdes" tagħhom, kif kien isemmi Pawlu d-dar tar-rqad. U tassew, kienet qiesha Knisja, daqs kemm kien fiha xbihat ta' qaddisin. Malli daħlu, Pawlu mejjel il-bieb, qabad lil Vitor minn driegħha, u.. aqta'? Qegħda għar-rkobbtejha miegħu quddiem salib sabiħ, kbir, bi Kristu msallab fuqu. "Niżżu ħajr l'Alla, Vitor, għall-ħniena kbira li għamel magħna!" qalilha. Raddew is-salib u bdew jitolbu.

Inbagħad qamu, u Pawlu ħadha u qegħdha bilqegħda ħdejh fuq is-sufan. B'idu l-leminija ħa' idha x-xellugija; u driegħu qegħdu madwar għonqha.... "X'jidhirlek, Vitor?" qalilha, għajnejh f'għajnejha. "Issa mela, aħna għal flimkien! Flimkien, fil-kotra tad-dwejjaq, u fil-ftit tal-hena li fiha l-ħajja! Inwieżnu s-salib ta' xulxin: jekk naqa' jien tqajjimni inti, jekk taqa' inti, inqajjmek jien; hekk, it-triq kollha sal-Golgotha; il-ħajja kollha sal-mewt! Ħaġa tal-għaġeb! Daqs kemm kont f'tiġrib jiena... daqs kemm għadda minn għalija, u dejjem ħriġt bis-sliema! U int ukoll... daqs kemm riduk, u qatt ma ridt tiżżewweġ! Min kellu jgħidilna, li wara dawn is-snin kollha, wara dan it-taħbit kollu, kellna fl-aħħar niltaqgħu flimkien?... Ara, mita jkun mn-Alla!

L. C.

# TAGĦLIM GĦAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGĦU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

### 1. MUFTIEĦ TAX-XBIHAT TAL-IMĦALEL TAL-KWIEKEB (1)

Fid-disinn tagħna hemm miġburin biss dawk il-kwiekeb li huma weqfin jew fissi. Ix-xbihat tagħna huma kollha in-numrati u jinqasmu f'ġabra ta' tliet qatgħat. Mill-1 sal-21 jinsabu dawk ix-xbihat ta' għanqud kwiekeb li jagħmlu mill-kwiekeb tan-naħa tat-tramuntana ġewwa l-mogħdija tax-xemx jew Zodijaku. Ix-xbihat mit-22 sat-33 huma t-tnax-il-xbieħa li jifformaw il-ħolqa jew dawra taz-Zodijaku jew Triq ix-Xemx. Fl-aħħarnett mill-34 sas-46 hemm dawk ix-xbihat li jinsabu bejn il-ħolqa li semmejna u d-dawra ta' barra lejn ix-xefaq. In-naħa tat-tarf nett ta' xi wħud minn dawn ix-xbihat taħbat wisq il-bogħod lejn Nofs-in-Nhar biex tista' tidher mill-Gżejjer ta' Malta.

Il-ħolqa taz-Zodijaku għandha tnax-il-dar, borġ jew stazzjon (2). Din il-ħolqa hija l-mogħdija tal-Qamar, tal-Ħamest ikwiekeb miexja jew pjaneti u ta' l-istess Xemx (Triq ix-Xemx). Iżda billi d-dawl tax-xemx bin-nhar jitfi l-kwiekeb, aħna ma nistgħux naraw ħlief mas-sebħ u għal filgħaxija f'liema minn dawn it-tnax-il-dar ix-xemx titla' u tinżel, u dan jiġri kull xahar f'waħda minn dawn id-djar, f'dik tal-Ħut, f'dik tal-Kibx u hekk f'ta' l-oħrajn.

---

(1) Il-kelma *mħalla*, barra milli tfisser dik il-biċċa għodda tal-qasab li iġġorr (tħoll u għalhekk, *imħalla*) l-imraden għall-imgħażel, tfisser ukoll *għanqud* jew *ġabra kwiekeb* jew *kostellazzjoni* (Ara Vassalli u Falzon). Hemm min irid igħid illi qiegħda biex tfisser *waħda* mill-*kostellazzjonijiet* li għandha s-sura ta' *mħalla,* fosthom Caruana, li kif jifhem, tfisser dik il ġabra kwiekeb fil-kostellazzjoni tal-*Fart (Tawru)* magħrufa mill-astronomi bl-isem ta' Plejjadi. Iżda għall-Plejjadi hemm l-isem malti ta' *Trajja.* (Falzon u Caruana). Bil-għarbi *maħall*, *maħallât* tfisser fost ħwejjeġ oħra: *lok fejn in-nies tieqaf biex tgħammar, gemgħa jew ġabra ta' nies jew razza ta' nies* (Hava.) Aħna dehrilna għalhekk li kellna l-jedd kollu ninqdew b'dil-kelma biex infissru *kull* ġabra jew għanqud kwiekeb.

(2) "Skond il-fehma taż-żminijiet l-imgħoddija, ix-Xemx iddur ma' dwar l-Art; u hija u ddur, tgħaddi jew tidħol fi tnax-il-dar; kull waħda minn dawn (li hi magħmula minn bosta kwiekeb) tawha l-isem ta' xi ħaġa ħajja (*annimal, bniedem* ecc.). Għalhekk it-tnax-il-dar semmewhom *tal-Ħajjin* u dawk il-kwiekeb: "*il-Ħajjin*", bil-Grieg *Zodiacoi*, kelma li għaddiet fl-ilsna ta' l-Europa.

Dawna u x-xhur donnhom huma ħaġa waħda. F' Awissu, ix-Xemx kienet tgħaddi għand *il-Ljun* u tilħak għand il-*Mara* jew ix-*Xebba*.....

PATRI MAGRI. "X'jgħid il Malti" etc. (1925) pag. 54. Malta. Stamperija tas-Salesjani.

Dawk li jidhru dejjem huma dawk il-qtajja' ta' kwiekeb li huma miġburin madwar il-kewkba Polari magħrufa bl-isem ta' "Kewkbet is-Safar" (I. A). L-oħrajn jidhru biss mita jmisshom ma' tul id-dawra li tagħmel id-dinja madwar ix-xemx. Dawk li jaħbtu ġewwa l-ħolqa bejn l-ispazju taċ-ċirku immarkat 0 u 90 ikunu jistgħu jidhru madwar id-9 ta' bil-lejl f'Diċembru, dawk li jaħbtu bejn l-ispazju 90 u 180 ta' ġewwa l-ħolqa jkunu jidhru madwar id-9 ta' bil-lejl f'Marzu, dawk li huma bejn l-ispazju 180 u 270 ikunu jidhru mad-9 ta' bil-lejl f'Ġunju, u dawk li jaħbtu bejn l-ispazju 270 u 0 mad-9 ta' bil-lejl f'Settembru.

F'kull waħda mix-xbihat li jidhru fl-istampa, il-kwiekeb huma immarkati b'ittri skond it-taqsim tal-Alfabet Grieg. Dawk tal-ittra A (alpha) huma l-kbar nett, dawk tal-ittra B (beta) il-kbar wara dawn ta' l-ewwel,dawk tal-ittra G (gamma) il-kbar wara dawk tal-B u hekk għall-bqija. F'din l-istampa hemm immarkati biss b'ittri dawk il-kwiekeb li fuqhom irridu nitkellmu. Dawk iż-żewġ kwiekeb, imsejħin il-"Werrejja" (2BA) fi spallejn l-Orsa (1 A) Majjiura jew Debb il-Kbir juru t-trîq ta' Kewkbet is-Safar, fil-ponta ta' denb l-Orsa Minuri. 2 D A turi l-mogħdija għal kewkbet il-Botbot 13 A. Fix-xitwa t-tripied magħmul mill-kewkba 35 A, miż-żewġ kwiekeb 38 A (Kewkbet il-Kelb) u minn dik fi 39 A ikun jidher sewwa. Fl-aħħar tar-rebbiegħa l-qaws immarkat 2 D Z H f'denb l-Orsa Majjiura jissokta jdur mad-driegħ u mal-ġenb tax-xbieha 6E M u jibqa' nieżel sa 27A. Fil-ħarifa l-erba' kantunieri kbar magħmulin mir-ras tax-Xebba bil-ktajjen f'idejha u mit-tliet kwiekeb immarkati bl-ittri G A B fix-xbieha 19 taż-Żiemel bil-ġewnah ikunu jidhru sewwa ma' tul is-sena fi ljieli ta' sema ċar. Dawk li jkunu għadhom jitgħallmu jsibu l-kwiekeb għandhom għajnuna kbira minn dak il-faxx abjad ta' kwiekeb magħruf bl-isem tat-Trîq ta' Sant'Anna jew ta' San Ġakbu, bħal serbut ta' għabra trab li jaqsam saqaf is-smewwiet. Fl-ilsna tad-dinja hi msejħa b'bosta laqmijiet, fosthom b'dak tat-Trîq tal-Ħalib (mill-Grieg : *gala*, ħalib), b'dak ta' Baħar in-Nar, ta' Omm is-Sema, ta' Trîq l-Erwieħ, ta' Trîq it-Tiben, jew b'dak tal-Miġra. L-Insara tal-Lvant isejħulha s-Sellum ta' Ġakob (Sellum Jagħqub). Din tibda minn bejn ix-xbieha tal-Kelb il-Kbir (38) u l-Ġifen (40), tgħaddi min-nofs il-lenbuba tax-xbieha 35, bejn it-23 u l-24, minn fuq it-13 u l-fuqani tat-12, tgħatti kollha kemm hi l-11 (ix-xbieha tax-Xbejba bil-qiegħda), ir-ras tax-xbieha (Kepheus) immarkata 5, u mita tasal fuq il-10 tinqasam f'żewġ fergħat, il-fergħa l-waħda tmur fuq is-17 lejn il-Qawwâs (30) u l-oħra tibqa' sejra lejn denb il-Għakreb. (29)

## 2. XBIHAT ĠEWWA L-ĦOLQA TA' TRIQET IX-XEMX

1. L-ewwel waħda magħmula minn seba' kwiekeb, erbgħa minnhom isawru l-ġisem u t-tlieta l-oħra (it-tlitt Ibniet) isawru d-denb. Hija magħrufa bl-isem ta' l'*Orsa Minuri* jew aħjar *Debb iż-Żgħir*. Hija msejħa wkoll il-*Moħriet iż-Żgħir* jew il-*Tebut iż-Żgħir* bit-tliet Bekkejja jew Bniet warajh (Aqra fin-numru 2 hawn isfel). Billi d-denb huwa kbir ħafna kienu xebbħuh lil denb il-kelb, bil-Grieg *Kynos-ura*, minn fejn tnisslet il-kelma taljana Cinosura u l-Ingliża *Cynosure*, li tiftiehem għall-Polu, kif ukoll għal kull ċentru ta' l-art li jiġbed lejh. Billi bil-Grieg il-kelma *Ors* jew *Debb* hija *Arktos*, l-inħawi ta' madwar l-*Ors* jew *Debb* jissejħu *Artiku*. Lil dawn is-seba' kwiekeb il-Latini sejħulhom is-Seba' Derriesa jaħdmu dejjem u mingħajr ma jaqtgħu qatt madwar il-Polu, minnhom imlaqqmin *Septem Triones* minn fejn nibtet u beqgħet il-kelma *Settentrione* li tfisser it-Tramuntana, fejn dejjem jidhru dawn is-seba' kwiekeb.

A. **Alkuccabah** (1) (milli jidher għal *mara riekda*. Bil-malti: *ir-Rikkieba*). Din hija Kewkbet is-Safar fit-tarf ta' denb id-Debb iż-Żgħir u li taħbat fin-nofs sewwa tal-ħolqa tax-xefaq għan-naħa ta' Nofs-in-Nhar.

*B.* **Kochab** (bil-malti *Kewkba*). Din il-kewkba, kif jingħad, kienet dari sservi biex turi l-Polu. Il-kwiekeb l-oħra f'din ix-xbieha tan-numru 1. m'għandhomx isem.

2. Sebgħa kwiekeb imqassmin fuq l-istess xeħta tax-xbieha ta' qabel iżda fuq qisien wisq akbar. Din hi msejħa l-*Orsa Majjiura* (bil-għarbi *Dubb l-akbar*), il-Moħriet il-Kbir u l-Bniet tat-Tebut il-Kbir (bil-għarbi: *Benât naghx il-kubra*). Fil-ħrafa t-tebut huwa dak ta' Lazzru u l-Bniet huma Marta, Marija u l-qaddejja.

A. **Dubhe** (bil-għarbi: *Dubb*, ors, l-isem tax-xbieha kollha) kif ukoll **Dahr**, bil-malti, *dahar*. Għalhekk il-kewkba A turi d-dahar ta' l-Orsa Majjiura.

---

(1) Dan l-isem u oħrajn imnsemmijn f'din il-lista skond in-*numru* u l-*ittri* ta' kull imħalla jew kostellazzjoni, huma meħudin minn fuq l-atlasijiet tal-kwiekeb, globijiet cbar, listi tal-kwiekeb u trattati ta' l-astronomija, iżda l-kitba, minn wieħed għal ieħor, tilbiddel. Il-Ġermaniżi, ngħidu aħna, jiktbu *Benetnash*, *Benetnasch*, *Sharatan*, *Scharatan* ecc; flok *Al Gidejn* jiktbu *Al Schidein*, flock *Denebalġedi*, jiktbu *Denebalschedi*, flok *Alġinubi*, *Alschenubi*, *Alġejba*, *Alscheiba*, flock *Ġebban*, jiktbu *Schebban*, ecc. Il-Francizi, mill-banda l-oħra, jbiddlu wkoll il-kitba ta' xi ismijiet. Il-kitba li tidher f'dawn l-ismijiet hija dik li nsibuha fi-Atlasijiet Ingliżi u Amerikani.




A: alpha. B: beta. G: gamma

F: theta. I: iota. K: kappa
L: lambda (M.N.) X:xi (S.T.) W:omega

TAGHRIFA. F'din l-Istampa mxejna skond it-taqsim ta' l-Alfabet Grieg, kif jinsab użat minn kulħadd fl-Astronomija, għalkemm bil-ħażż ta' ittri Romani. L-ittri u n-numri għamilniehom iħarsu ġenb wieħed għall-ħeffa ta' minn jaqra u jqabbel. Id-Dawra tal-Polu (tad-Debb il-Kbir u d-Debb iż-Żgħir) apposta maħżuża li kemm xejn tidher, fil-waqt illi z-Zodijaku jew Triq ix-Xemx hija maħżuża b'dawra li tirkaċċa. Ix-xbihat huma mqassmin fuq dawk ta' l-Almagest, u l-immarkar ta' l-ittri fuq dak li ilu jslr minn żmien Beyer. L-iktar li ħadna minn fuq il-mappi kbar ta' Bode. M'hemmx għalfejn ingħiduh, il-kwiekeb u x-xbihat huma maħżużin fuq-fuq sabiex il-qarrej iqabbel fuqhom għal dawk li huma ismijiet tal-kwiekeb u xejn ma għandu wieħed jaħseb li huma magħmulin b'dik ir-reqqa li titlob ix-xienza.

*B.* **Merak**. Bil-għarbi, *merâq*, ġenbejn, wirk.

*G.* **Pahchd**. Bil-għarbi, *faħd*, koxxa.

*D.* **Megrez**. Bil-għarbi, in-naħa ta' fejn id-denb hu "imħawwel", tixbeħ lill-kelma maltija *għarras*, ixxettel, tħawwel mill-ġdid.

Z. **Mizar**. Dan l-isem jidher biċ-ċar li hu mogħti ħażin f'lok isem ieħor, il-għaliex fil-għarbi din il-kelma tfisser *ħżiem*, *terħa* u għandha mill-kelma maltija *liżar*. Qrib din il-kewkba hemm kewkba oħra ċkejkna għall-aħħar u magħrufa biżżejjed u daqshekk irqiqa illi biha n-nies iġġarrab il-vista tal-għajnejn. Isejħulha l-*Ħabiba* u *s-Sieħba*, jew il-**Ħuri** minn fejn tnisslet il-kelma **Alcor**. Iżda fil-Lvant hija msejħa **as-Suha** (il-maqbuża jew imbarrija) ta' l-istess nisel tal-kelma maltija *Sehwa*. Hemm bosta qwiel qodma msenslin ma' din il-kewkba ċ-ċkejkna, fosthom dan: Huwa jista' jilmaħ lill-Ħuri u ma jistax jilmaħ il-qamar.

H. **AlCajd**. Jiġifieri l-*Qajd* jew Rajjes jew Ħâkem li jmexxi driegħ il-moħriet, kewkba fit-tarf ta' denb id-Debb il-Kkir jew Orsa Majjiura jew fit-tarf ta' driegħ il-Moħriet. Ukoll **Benetnash**, illi huwa l-isem tax-xbieha kollha, bil-malti *Bniet tat-Tebut* (mexijin mat-tebut jew madwaru).

I. **Talitha, Alcafzat, Althalethat**. Kewkbiet fis-sieq ix-xellugija ta' quddiem.

L. **Alcafzat**, **Altaniat** eċċ. Żewġ kiewkeb bejn ir-riġlejn tad-Debb.

N. **Alula**, **Alcafzat**. **Alvala**. Kwiekeb f'tarf is-sieq tal-koxxa ta' wara. Dlonk jidher fil-malti kif l-isem għarbi ta' dawn il-kwiekeb huwa ftit u xejn imħassar fil-pronunzja. Kull pass jissejjaħ *qafża*, qabża. N fis-sieq ta' wara hija l-ewwel qabża, *L* hija t-tieni qabża, u l-1 ta' quddiem hija t-tielet qabża. Il-kewkba fuq xi mappi tissejjaħ **Phikrah**. L-isem, kif jidher, inqara ħażin u nkiteb ħażin, għaliex meħud minn fuq il-kitba Kufika fejn billi l-ittri mhumiex immarkati bin-niktiet, l-ittri Q-f-ż, mingħajr in-niktiet jistgħu jinqraw sew mod kemm ieħor.

3. Dil l-imħalla tissejjaħ ix-*Xagħar ta'Berenice*. L-ismijiet *Berenice* u *Veronica* huma kelmiet foloz imnisslin mill-pronunzja ħażina tal-kelma Griega: *Pherenike*, il-Baxxar tar-Rebħa. In-nies tal-Lvant isejħulha: it-Troffa tax-Xagħar, bil-għarbi: *ad-Dafira* u bil-malti: id-Dafra tax-Xagħar. Isemmuha wkoll: *il-Hżiem* (bil-għarbi: *al-Ħażma*). Din l-imħalla ma fihiex kwiekeb ta' importanza.

4. Id-Dragun, bil-għarbi: *at-Tinnîn* jew *at-Tugħbân*. L-ismijiet ta' xi kwiekeb f'din l-imħalla huma dawn :—

A. **Thuban**, isem il-kostellazzjoni kollha mogħti lil waħda mill-kwiekeb tagħha.

G. **Rastaban**. (Ras it-tubgħan), imsejħa wkoll **Etänin**, **Ettanin**, illi hu wkoll isem l-imħalla.

M. **Errakis**. Din il-kewba ċkejkna fil-ponta ta' lsien id-Dragun hija *ż-Żeffiena* jew *Qabbieża*.

5. **Kepheus**. (1) Dlonk imlaqqam fil-Lvant bl-isem ta' *Ragħaj*. Iktarx bil-kuruna jew mitra f'rasu u magħdud bħala Sultan tas-Smewwiet billi jġagħal id-dinja ddur bl-irfis ta' sieqa l-leminija fuq riġel id-Debb iż-Żgħir. F'din l-imħalla ta' min isemmi dawn il-kwiekeb :—

A. **Alderamin**, **Alderaimin** (bil-malti: id-Driegħ il-Lemin). Il-kelma għarbija *diràgħ* ma tfissirx biss *driegħ*, iżda wkoll il-*Kejl ta' driegħ* (tmintax il-pulzier tul) u billi fuq il-globi din il-kelma nkitbet bejn il-kwiekeb, id-distanza ta' bejniethom ġagħlet lill-kopisti jaħsbu f'ċertu numru ta' "dirgħajn" li ma kienu jeżistu b'xejn.

B. **Alphirk**. Din il-kewkba taħbat qrib il-ħżiem, u għal-hekk, jekk dan l-isem qiegħed biex ifisser il-kelma ordinarja *ferq tax-xagħar*, naħseb li din il-kewkba mhix qiegħda flokha.

G. **Errai** (bil-malti: *ir-ragħaj*). Dan l-isem hu mogħti għal din il-kewkba li tidher fuq l-irkoppa tar-Ragħaj, għal-kemm huwa sew sew l-isem tax-xbieha kollha. Bejn ir-riġlejn ta' Kepheus fuq il-mappi kbar hemm kewkba jisimha *Kelb ir-Ragħaj* u krib il-Polu, qatgħa kwiekeb imsemmija **El Agnam**, li twieġeb għall-kelma maltija *għanem* li tfisser: *merħla*.

6. **Bootes**. (Bil-għarbi: il-*Baqqâr*, min jira' l-baqar). Sura ta' raġel bil-għasa f'idu l-limenija. Dan l-isem fil-bikri nett ġiè moqri ħażin: *boetes*, bil-għarbi *għawwa* tal-istess nisel mill-għerq malti: *għewa*, li jfisser *wieħed li jinbaħ*, *iwerzaq* jew *igħajjat*. Din ix-xbieha ġiet ukoll imsemmija: *Sajjâħ*, bil-malti: *is-sejjieħ* jew *min isejjaħ*, kif ukoll il-*Hâres tas-Sema*. Din l-imħalla fiha dawn il-kwiekeb :—

(1) F'waħda mill-kostellazzjonijiet qodma li tinsab fuq frontispizju ta' ktieb qadim tal-mużew ta' Londra (*Harleyan Collection*), iktarx tas-seklu 1400, hemm il-kostellazzjonijiet tal-ġenb tat-Tramontana, iżda l-iktar li tolqtok hija dik ta' l-imħalla ta' *Cephens* pinġut bħala Ragħaj f'nofs il-merħla b'żewġt iklieb tal-għassa, u dik ix-xbieha l-oħra flok id-Debb iż-żgħir. Hemm ix-xbieha tat-*Tlitt Ibniet* għeriewen, kull waħda b'kewkba flok il-werka tat-tin, u t-Tebut jew katalett li minnu jidher Lazzru kollu dbabar iqum mill-kebba ta' ġol-liżar. Dan id-disinn juri t-tnissil tal-idejjiet tal-Lvant għal dik li huma xbihat tal-kostellazzjonijiet ftit u xejn imbegħdin minn dawk tal-Griegi u tal-Punent,

A. Imsemmija *Arcturus*, għassies tad-Debb jew Ors, iżda fuq xi mappi għandha l-isem ta' **Aramech**, bil-għarbi: *Arramiħ*, il-lanċier armat bil-lanza. Hija kewkba kbira safra.

B. **Nekkar**. Għalkemm tidher li għandha mill-kelma maltija: *naqqâr*, *min inaqqar*, *iħaffer*, mhix ħaġ'oħra ħlief il-kelma: *baqqâr*, isem ix-xbieha kollha u ġiet miktuba ħażin billi l-ewwel ittra Kufika **B**, bla ebda għelm ta' nikta, inqrat N.

E. **Izar**, **Miżar** eċċ. huwa isem li jwieġeb għal kelma *liżar* maltija bit-tifsira ta' *ħżiem*, biċċa li tgħatti u ddur malġenbejn.

H. **Muphrid**, bil-malti, *mifrud*, wieħed li qiegħed maqtugħ jew magħżul mill-oħrajn. Kewkba mifruda mill-oħrajn. Għandha wkoll l-isem ta' Sieq, maħżuża **Saak**.

7. Il-*Klîl tat-Tramuntana* msejħa wkoll il-*Qasgħa tal-imsieken* jew *bieqja tal-fqar* jew il-*Kies tad-Derwix*.

A. **Malphelcarre**. **Malph** tista' tkun il-kelma għarbija *millaf*, dawra, ċirku ta' kuruna tar-rand, minn verb li jaqbel mal-malti: *leff*, *kebbeb*, eċċ.

B **Musaken**, miktuba ħażin u qiegħda flok il-kelma għarbija: *masàkin*, bil-malti, *imsieken* li qiegħda bħala waħda mill-kelmiet ta' ismijiet ix-xbieha.

8. Herakles, alla Grieg li, kif jaħsbu, hu l-istess *melqart* tal-Feniċi. Għandu wkoll l-isem ta' *raġel għar-rkubbtejh* (bil-lenbuba jew debbus f'idu l-waħda u siequ ta' quddiem fuq ras id-Dragun **Tinnin**), illi fil-għarbi jwieġeb għall-kelma *al-ġathi* jew għall-kelma spanjola *Imale*, *al-ġiethi*.

A. **Ras AlGethi**, *Ras ir-ragel għar-rkobbtejh*.

*K*. **Marfic**. Bil-għarbi, *mirfaq*, li jfisser minkeb. Fil-lenbuba mtallgħa l-fuq hemm kewkba żgħira, *imsejħa* **Cajam**, forsi twieġeb għall-kelma maltija: *imqajjem*.

*(Jissokta)* A. C.

# IL-WARDA TA' MEJJU

Qabel ma nasal ħdejk inħoss ir-riħa
ġejja mal-fewġa w-dlonk tiżdied fil-ħlewwa,
għax il-ward kollu tisboq int fil-fwiħa

Inti l-warda ta' Mejju ħamranija,
imħarsa b'għaqal kbir mill-ħajt-il-ġewwa
tal-ġnien, ma' nżul ix-xemx bl-ilma msoqqija.

*

Kullħadd ifaħħrek; minn kullħadd maħbuba:
ma tmurx fi knisja jew ġo dar ferħana
li ma ssibx lilek fuq artal minsuba.

Qalb in-niket u l-biki ta' di' l-ħajja.
ma jinsabx leħen sgur, ma jinsabx għana
oħla minn tiegħek, tkun xi tkun il-ġrajja.

*

Iġbor, irżina, l-weraq : il-lejl daħal :
ma' tlugħ ix-xemx tarġa' mill-ġdid miftuħa,
timla bi fwiħtek l-ajru bnin tar-raħal,
fwiħtek minn oħra qatt u qatt mirbuħa.

**Mons. Gauci**

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ. 25*

Wara sew sew xi xahar u ftit ġranet li l-Franċiżi kienu daħlu u ħadu l-Gżejjer ta' Malta, Malta tbiddlet bħan-nhar mil-lejl. Tibdil ta' ismijiet fl-ibliet li ġew imqassmin f'żewġ distretti, tibdil fl-ismijiet tat-triqat tal-Belt, imsejħin b'isem franċiż, Gvern Militari taħt il-Ġeneral tal-Armata bħala Kap taż-żewġ Gżejjer u Gvern Ċivili taħt it-treġija tal-Kummissarju tal-Gvern, b'Kummissjoni u Muniċipalitajjiet biex imexxu l-amministrazzjoni Ċivili tal-pajjiż. Taqsim ta' Rħula f'4 distretti bil-Muniċipju u l-Imħallef tal-Paċi tagħhom. Dawn aktarx kienu jingħażlu minn fost l-aħjar nies tal-kotra tal-maltin. Flok dak il-lbies ta' Kavalieri bis-salib abjad fuq il-mantar iswed, fit-triqat ta' Malta, ma kontx tara ħlief ilbies iswed bil-faxex tas-satin tat-tliet kuluri bi frenża tad-deheb fit-tarf marbuta madwar il-ġnub, firjoli suwed tal-ħarir bir-rivolta roża madwar il-għonq sal-irkubbtejn. Kpiepel tal-pannu suwed miftuħin u merfugħin minn ġenb wieħed b'kukkarda mwaħħla u bi tliet rixiet: bajda, ħamra u kaħla. Uċuħ ġodda jleqqu bid-dija tal-Libertà mħallta ma' l-uċuh tal-pajjiż li donnhom għadhom kif qamu minn raqda ta' lejl li għal mument nessa l-waħx u l-biża'taż-żmenijiet. Twaqqfet il-milizzja b'nies minn 17 sa 50 sena. Żgħażagħ maltin ingħażlu bħala kadetti tal-marina biex jitgħallmu s-sengħa tal-baħar għal bdoti. Twettaq ir-riġment qadim tal-Kaċċaturi b'fizzjali maltin u b'hekk inħaseb biex fl-14 ta' Lulju l-Franċiżi flimkien mal-Maltin tagħmel il-Festa ta' l-Arblu tal-Libertà jew tar-Repubblika. Il-poplu kien għadu mriegħed, stordut u mkexxkex u kull bxara bħal din magħha kien ikollha x-xniegħa li se' jkun hemm frattarijiet, sokor, serq, fastidju lin-nisa u ħafna disordnijiet oħra. Iżda bħalma jiġri dlonk, il-Gvern Franċiż waqa' fuq il-kappillani u dawn nedew u fissru li dik kienet għors ta' ferħ u hena għall-poplu u biex il-poplu jieħu sehem fih bħala sinjal ta' dak il-Ħelsien li ġie mogħti bil-ħakma l-ġdida tar-Repubblika Franċiża lill-maltin. Għal din il-laqgħa għalenija ta' ferħ fejn il-kbarat tħalltet maż-żgħar, u l-għonja mal-foqra u n-Nobbli maltin ġew jaħarqu f'riġlejn l-Arblu tal-Libertà d-diplomi mogħtijin lilhom mill-Kavalieri li fihom ħallew urajhom ix-xbieha tas-saltna kiefra tagħhom li kienet firdet il-Gvern mill-Poplu u nisslet il-mibegħda għal xulxin, għal din il-laqgħa għalenija ta' ferħ kbir saru tiġrijiet ta' bhejjem, inqrat Proklama u saru taħditiet bil-franċiż lill-poplu: taħdita mill-Kummissarju tal-Marina, oħra mill-Ġeneral u Kap Kmandant, oħra

mill-President tal-Gvern u oħrajn mill-Presidenti tal-Muniċipalitajjiet; waħda minn dawn it-tnejn, skond ma jingħad minn Cutajar u Doublet, saret bil-malti... daqq u għana ta' foħrija lill-Ħakma l-ġdida, ċena u ballu fil-Palazz Nazzjonali, mixegħla, tieġ f'San Ġwann ta' erba' xbejbiet maltin, libsin b'kostum franċiż, iddotati mill-Gvern, u mtejġin mn'idejn l-Isqof u mħaddrin mir-Rappresentanti tal-Gvern, u fost it-tperpir tal-bnadar tat-tliet kuluri, fost id-dija ta' xwabel u azzarini, taħt dak l-Arblu bil-berritta repubblikana fil-kuċċata, dawra suldati tar-riġment Franċiż u Malti, u fosthom il-Battaljun ġdid tal-Gwardja Nazzjonali mwaqqaf bl-ordni ta' Napuljun, tas-16 ta' Ġunju, 1798.

Dan il-Battaljun magħmul minn 900 ruħ għal kull Muniċipalità kien iġib libsa ħadra, bavri, rivolti u kullar ħomor u t-tberfila bajda. In-nies tal-Battaljun kienu magħżulin minn fost l-iktar għonja, neguzjanti u minn fost dawk li kellhom interess fil-paċi pubblika. Il-Battaljun kellu d-dmir iforni bil-għases u bil-pattulji għall-bon-ordni tal-irħula u tal-ibliet bla ma jagħmlu għassa fil-fortijiet. L-Istat Maġġjur ta' kull battaljun kien magħmul minn kap tal-Brigata, kap tal-Battaljun, żewġ Ajjiutanti Maġġjuri, żewġ ajjiutanti sotto-fizzjali u Maġġjur tat-Tanbur. Kull battaljun imqassam f'disa' kumpanniji u kull kumpannija ikkmandata minn Kaptan, minn Tenent u minn Sotto-Tenent u kien fiha Surġent maġġjur, 4 surġenti, kapural furier, 8 kapurali, gwardji bit-tanburlin u 82 gwardji bl-azzarini.

Il-fizzjali jingħażlu minn ta' taħthom mill-ispalletti, mixxabla, mill-għonq magħmul b'ram indurat u f'nofsu plakka tal-fidda u madwarha l-kelmiet *Garde National de Malte* u f'nofs l-iskudett minquxa x-xbieha ta' mara alla tal-Libertà. Is-sotto-fizzjali u kapurali kienu bix-xabla biċ-ċinturin iswed u l-Gwardja bl-azzarin immuntat bil-bajonetta u bil-barżakka.

Kif semmejna, wara sentejn u tlitt xhur minn mindu fit-12 ta' Ġunju, 1797 ġie ikkundannat b'kalzri għal għomru fir-Rikażli, Vassalli nsibuh fil-Battaljun tal-Gwardji Nazzjonali bil-grad ta' Ajjiutant. Fi żmien id-daħla f'Malta u l-ħakma tal-Franċiżi sad-data tat-28 ta' Settembru, 1799, mita dawn kienu għadhom imblokkati ġewwa s-swar mill-Maltin, isem Vassalli ma jidher b'xejn fit-tifkiriet tal-Ġrajja ta' Malta ħlief darba, kif għedna, fl-avviż tat-13 ta' Ġunju, 1798, imxandar mill-Gvern Franċiż fejn Napuljun semmieh bħala wieħed

mill-partiġjani tagħhom u mill-vittmi tal-qilla tal-Ordni (1). Fost in-nies tal-Ordni li kienu baqgħu hawn mal-Franċiżi, kien hemm Bosredon, De Fay, Tousard u Doublet, kollha membri Franċiżi u li,kif għandna naħsbu, sew Vassalli kemm Barbara kienu midħla tagħhom u għalhekk ma satax jonqos li minnhom Vassalli ma kellux għajnuna. Bosredon Ransijat dlonk laħaq President tal-Kummissjoni tal-Gvern u Doublet, Segretarju Ġenerali. Aħna ma nafux mita lil Vassalli daħħluh fil-Battaljun tal-Gwardja Nazzjonali u l-anqas mita laħaq bil-grad ta' Ajjiutant; jekk wieħed minn ta'l-ewwel jew sar wara ftit xhur li twaqqaf il-Battaljun.

Wara x-xhieda li minnu ġiet mogħtija fil-Proċess li semmejna fejn hu deher li kixef l-isem ta' Bosredon bħala wieħed li kien mexxa lill-Ġakbini Maltin fit-tixwix u konfofof kontra l-Ordni, Vassalli ma satax jibqa' miġjub bħalma kien qabel minn dawk il-partitarji kbar tal-Gvern Franċiż li kienu ħbieb tiegħu, fosthom Bosredon u Doublet li issa kellhom f'idejhom ir-riedni tal-amministrazzjoni tal-Gvern Franċiż f'Malta. Iżda, kif għandi naħseb, lil Vassalli ma setgħux iwarrbuh għal kollox u għalhekk kellhom isoddulu ħalqu b'daqxejn ta' karika ċivili bħalma kienet dik ta' Ajjiutant tal-Gwardja Nazzjonali, għalkemm, għal għerf li bih kien imżejjen u għall-ħidma li ħadem favur il-Franċiżi, biex jifdi l-poplu Malti minn taħt il-madmad tal-Ordni,kien ħaqqu li jiġi mħallas b'xi ħaġa aħjar. Wieħed għandu jistagħġeb mhux ftit mita jaqra l-kitba tat-traduzzjoni Maltija li dak iż-żmien kienet saret tal-għanja patriottika miktuba bil-franċiż miċ-Ċittadin La Coretterie, Prim Segretarju tal-Kummissjoni tal-Gvern, għall-Festa tal-Libertà, taħt l-isem ta' "Għagna ta Trionf tal-L'ibertà" (2) (għanja li fiha tista' tgħid iktar hemm żbalji milli kliem miktub sewwa), jekk wieħed iġib quddiem għajnejh illi dik il-ħabta Vassalli, magħruf bħala l-aqwa fil-kitba Maltija, saħansitra mill-Gvern ta' dak iż-żmien, sata' ġie mitlub jati daqqa ta' għajn qabel ma tixxandar lill-pubbliku. Iżda, bħalma dlonk jiġri, din kienet bħal-lum kwistjoni kollha kemm hi pulitika u ta' propaganda u fiha l-Gvern Franċiż ma riedx u l-anqas ma qabillu jqabbeż ir-reqqa letterarja, iżda li jitfasslu erba' kelmiet ħażin ħażin li jiftiehmu mill-poplu. Dan iwettaq mill-banda l-oħra dak il-qawl li jgħid bil-latin: "*Nemo propheta in patria sua*" u bil-Malti "Il-għaref f'raħlu mhux mismugħ; jisimgħuh biex imaqdruh."

(1) Dan' kollu *(exposé)* jidher f'ittra ta' Napuljun mibgħuta minn Malta lid-Direttorju fuq l-imġieba ta' Malta lejn Franza waqt ir-rivoluzzjoni.

(2) Ara l-*Archivum Melitense*. (Vol: V. paġ: 66).

Vassalli dik il-ħabta kien igħodd mal-35 sena.

Fit-2 ta' Settembru, 1798, max-xahrejn wara l-festa ta' għeluq is-6 sena tar-Repubblika Franċiża qamet ir-rewixta tal-kampanjoli Maltin kontra l-Franċiżi li nbdiet mir-Rabtin qoddiem il-knisja tal-Karmnu u barra l-bibien ta' l-Imdina u xterdet u xegħlet mal-kampanja kollha u kienet hekk qawwija illi fi żmien 48 siegħa l-Ġeneral Vaubois bin-nies tiegħu kellu jingħalaq ġewwa l-Belt. L-Imdina weqgħet f'idejn il-Maltin mill-għada, jiġifieri fit-3 ta' Settembru. Vaubois ġabar l-armi kollha minn għand il-Maltin, ippostja l-artillerija fuq is-swar tal-Furjana u qassam fuq l-armi l-bqija tal-gwarniġjon dritt għal fuq il-kampanja.

Il-Maltin tal-kampanja ltaqgħu bil-kbarat tagħhom fil-Banka ta' l-Imdina, ingħaqdu u waqqfu battaljun minn kull Parroċċa u għażlu l-Kap tagħhom. Bħala Kap Ġenerali tat-truppi nħatar in-Nutar Manuel Vitale, fil-waqt li ż-Żebbuġin bl-inħawi u l-irħula l-oħra, għażlu li joqogħodu taħt il-Kmand tal-Kanonku Caruana. Birkirkara sal-Forti Manoel intreħiet f'idejn Ċensu "Braret". Iż-Żebbuġin u s-Siġġewin telqu għal San Ġużepp u dak il-palazz għamluh bħala Kwartier Ġenerali tagħhom. Flus, qamħ, armi (mat-300 azzarin u 800 xkubetta), kanuni mkaxkrin mit-torrijiet tal-plajja, imdieri, staneg, imnanar, kollox inkiseb fi ftit sigħat fil-waqt illi r-reġment inħoloq minn granatieri bil-brieret tal-ġilda tal-fenek u l-ġlekk tan-newl ta' Malta; batteriji fuq tas-Samra u oħrajn fuq Kordin mixħutin għal fuq il-Belt, oħra fuq tal-Għargħar kontra l-Forti Manoel u l-oħra fuq tal-Borġ (wara l-misraħ ta' Raħal-il-Ġdid) kontra Bormla—madwarhom trinċieri mibnijin f'daqqa bil-kanuni, u sentinelli u għassiesa fuq il-kampnari tal-Knejjes. It-torri ta' San Tumas, l-aħħar fortizza f'idejn il-Franċiżi, ittieħdet mill-Maltin. Fuq il-parir tal-Ġeneral Caruana, il-Maltin tellgħu l-istandard Naplitan u għarrfu lill-Ferdinandu IV., Re ta' Napli li huma jittamaw fil-għajnuna tiegħu.

Wara ħafna taħbit ta' Vaubois u Bosredon biex jissewew mal-Maltin, wara li bosta Maltin tkeċċew mill-ibliet u ħallew lil djarhom, il-ħwejjġhom wil-flushom, wara s-serq u t-tħarbit fid-djar ta' dawk li kienu barra mill-Belt, l-imblokkar tal-Port ta' San Pawl-il-Baħar u l-Mellieħa minn xi bastimenti franċiżi, wara l-ħarġa tal-Franċiżi mill-Kottoniera u mill-Forti Manoel kontra ż-Żabbarin u l-Karkariżi b'telfa tal-Franċiżi, wara t-tbattil tal-Forti Xambrè f'Għawdex mill-Franċiżi, it-talba tal-Maltin twettqet billi l-Armirall Nelson għal ħabta tat-18 ta' Settembru bagħat l-armata Portugiża

biex tati l-għajnuna lill-Maltin. Vaubois ma ċediex. Bosta Maltin oħra ħarġu mill-ibliet beżgħanin min-nar ta' xi bombardament, fil-waqt li l-kampanjoli ħadu r-riħ bil-munizjon u proviżjon li waslulhom minn għand l-Armiralli (Ingliż u Portugiż) u minn Sqallija. L-attakki, il-ftuħ tan-nar, it-taqbidiet kienu ħorox miż-żewġ bnadi. Nelson ingħaqad fl-imblokk ta' l-armata Portugiża, iżda telaq jiddefendi lil Napli minn taħt id-dwiefer ta' Bonaparti. Ball, kaptan tal-ġifen Alexander, daħal floku. Il-Kastell ta' Għawdex waqa' f'idejn il-Għawdxin (29 ta' Ottubru). Fl-ibliet kien għad fadal 30,000 ruħ malti. Wara t-tħarbita li kellhom minn Tal Borġ sattrîq ta' Ħal-Luqa, il-Franċiżi ma ħarġux iżjed.

Fl-aħħar tas-sena 1798 infetaħ in-nar fuq il-Belt bi tweġiba ta' 14,000 kanunata mill-Franċiżi.

Napli weqgħet f'idejn il-Franċiżi u Ferdinandu ħarab lejn Sqallija.

Il-konfeffa tal-Maltin biex jiftħu l-bibien tal-Belt lill-kampanjoli Maltin inkixfet u l-45 wieħed,fosthom Dun Mikiel Xerri, li nisġu l-konfeffa ġew xkubettjati fil-*Place de la Liberté*, il-lum Piazza S. Giorgio. Il-għaks beda jinħass binnuqqas tal-ħwejjeġ ta' l-ikel tal-ħaxix, li nissel il-marda ta' l-iskorbut li biha mietu bosta Franċiżi u Maltin ġewwa l-Belt. Fil-kampanja r-raba' kien ibikkik, kulħadd kien waqaf mixxogħol tiegħu, medhijin kif kienu biex jeħduha mal-Franċiżi. Fit-twegħir ta' bejn il-Kapijiet Maltin, wara li fi Frar tal-1799, inbagħat memorjal lil Ferdinandu, il-Maltin intefgħet f'idejn il-Potenza Ingliża li kienet qiegħda bil-flotta tagħha iżżomm l-imblokk u tellgħet il-ġakk Ingliż ma' ġenb dak tar-Re ta' Napli.

Il-Kaptan Ball, mibgħut minn Nelson, niżel l-art u ħa it-tmexxija tal-Assemblea Nazzjonali. L-Armirall Portugiż, bħala ħabib tar-Re ta' Napli, ħa f'idejh l-imblokk tal-Port ta' Malta. Hawn l-Assemblea tbiddlet f'Kungress; kull raħal bid-Deputat tiegħu li kellu s-setgħa jaqta' l-Kawżi sa 20 skud. Il-kamp baqa' f'San Ġużepp. Fl-Imdina reġgħet twaqqfet il-Qorti l-qadima. Dawk in-nies Maltin li ħarġu mill-Belt u kellhom ix-xniegħa li huma partitarji Franċiżi nbagħtu f'Kemmuna, oħrajn beqgħu fil-kampanja taħt għajnejn id-Deputati. L-amministrazzjoni tmexxiet mill-Kungress taħt it-treġija ta' Ball b'ordnijiet li kienu joħorġu taħt għamla ta' *Bandi*. Iżda l-qilla tal-kampanjoli kontra l-Franċiżi kienet daqshekk għamja illi mhux darba u tnejn xi Maltin magħrufin bħala Ġakbini, li ħarġu mill-ibliet, il-poplu għamel ħaqq

minnhom huwa stess bla ma qatt l-Imħallef sata' jsib fihom ebda ħtija. Jingħad li ċertu Bruno, ġie b'hekk xkubettjat Tas-Samra, bla ebda proċess, u li ċertu De Caro mill-Birgu (wieħed mill-Muniċipalisti) illi, billi kien marid kellu joħroġ mill-Belt biex ibiddel l-arja fil-kampanja, ġie mkaxkar f'Sant'Anton għand Ball u hemm bla ebda proċess, il-granatieri bit-trombuni tagħhom għamluh trieteq. F'Marzu 1799 il-kmand ta' Ball f'Malta ġie mwettaq bid-Dispaċċi tar-re Ferdinandu u ta' Hamiltom, il-Ministru Plenipotenzjarju ta' l-Inghilterra. F'Tulun kien hemm armata lesta biex toħroġ għal Sqallija. Fl-ibliet minn 40 elf ruħ jalla kien fadal 11,000 malti u dawn, imħabba s-self sforzat ta' flejjes minn għandhom, it-taxxi u ordnijiet ħorox li saru mill-Gvern Franċiż, qtajja' qtajja' bdew jitolbu biex joħorġu fil-kampanja. Il-kampanjoli mill-kampijiet u batteriji tagħhom, kull darba li Vaubois jibgħat igħid li ma jridx iċedi, arahom iweġbuh bil-kanuni ! Il-Gvern Franċiż beda, iżda, isib ruħu marsus min-nuqqas ta' ikel u flus u għalhekk lill-Maltin tahom, saħansitra, li joħorġu mill-Belt biex iħaffuha mill-ħluq. Napli reġgħet intrebħet minn Ferdinandu u għalhekk il-Maltin uriet il-ferħ tagħha bl-isparar, bil-mixegħla u bid-daqq tal-kniepen.

Il-Brigadier Ġenerali T. Graham wasal bi truppa ta' 1,300 ruħ u b'xi ġħen Ingliżi. Vaubois, kien għad fadallu l-qamħ u għat-talba li għamillu Graham raġa' wieġeb li ma jridx jerħi l-Belt. Fil-Belt, sal-aħħar ta' Awissu, kien għad hemm 7,500 Malti u l-iskorbut kien spieda. Il-kampanjoli fetħu bokok tan-nar; bosta Maltin u Franċiżi beqgħu mejta u l-kampanjoli resqu bl-azzarini sa taħt is-swar tal-għadu u laqtu xi kanunieri. Ma' l-aħħar tax-xahar ta' Settembru l-Ammirall Portugiż kellu għat-tielet darba tweġiba minn għand Vaubois li l-Franċiżi ma jridux jerħu l-Belt. Vaubois waslitlu l-bxara minn Franza *biex iżomm kemm jista'* sakemm ikollu rinforz ta' 4000 ruħ.

*(jissokta)* A. C

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

Ġiet f'idejna kopja tan-Numru Speċjali għas-Sena Mqaddsa, 1933-34, tar-Rivista "Le Rayon" tal-Kajr, immexxija mill-Wisq Rev. Patri Micoud; numru kollu kemm hu fuq il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, imżejjen bir-ritratt tal-Papa Piju XI, li għal dan il-Għadd bagħat permezz tas-Segretarju, il-Kardinal Pacelli, il-barka tiegħu mhux biss lid-direttur, iżda wkoll lil dawk kollha li ħadu sehem fit-tiswir tiegħu.

Aħna tgħaxxaqna b'dan il-Għadd Speċjali għaliex mogħni tassew b'artikoli sbieħ ta' kittieba magħrufa u b'illustrazzjonijiet ta' sengħa kbira.

Iżda hemm ukoll ħaġa oħra li għaxxqitna. Taħt l-isem "L'Hommage Universel au Redempteur" fih siltiet ta' poeżija jew ta' tifħir iħor lir-Redentur fi tnejn-u-għoxrin ilsien: Lhudi, Armen, Kaldew, Kopt tal-Eġittu, Latin, Franċis, Għarbi, Tedesk, Inglis, Taljan eċċ. sa Cinis. Fosthom hemm ukoll il-Malti, f'sunett tal-poeta tagħna Dun Karm, sunett li qiegħed tajjeb ħafna mal-poeżijiet l-oħra.

Għarrfuna li dan is-sunett ittieħed minn "Il-Malti" ta' Diċembru 1931 bi proċess ta' fotografija, għaliex billi ma għandhomx l-ittri kollha ta' l-Alfabett tal-"Għaqda" u, ta' rġiel li huma, ma xtaqux ibiddlu xejn minn dak li kiteb l-awtur, sabu dan il-mezz sabiħ u tajjeb, u ix-xogħol ħareġ hekk milqut li ma jingħarafx minn l-istampa.

Aħna fil-waqt li nżżu ħajr b'qalbna kollha lil Prof. Ugo Abela-Hyzler li bagħatilna l-kopja, natu *prosit* lid-Direttur tar-Rivista li għaraf jaħdem u jsawwar hekk bil-għaqal u bil-ġost dan il-Għadd Barrani.

**Cato.**